MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2011

Mandat Numru. 912/2011/1

**Bilom Construction Limited**
**( C – 48672)**

**vs**

**JAJ Construction Limited**
**( C – 22257)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` rikorrenti datat l-20 ta’ Lulju, 2011, li permezz tieghu l-istess socjeta` infurmat lill-qorti li kien jehtieg jitharsu d-drittijiet taghha qabel ma jkunu rreparabbilment mitlufa;

Illi dan ghaliex hi kienet kreditrici fil-konfront tas-socjeta` intimata fl-ammont ta’ erbgha u hamsin elf, disa’ mija u

tmienja u sittin Ewro, (€54,968.00), liema ammont hu bilanc minn somma akbar dovut lis-socjeta` rikorrenti kreditrici mis-socjeta` intimata debitrici;

Illi in konsegwenza tal-istess, is-socjeta` rikorrenti talbet il-hrug tal-mandat de quo u dan, sabiex is-socjeta` ntimata tinzamm milli tbiegh, titrasferixxi jew b'xi mod tiddisponi b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta`, u b'mod partikolari dawk l-ingenji u vetturi elenkati u ndikati mill-istess socjeta` rikorrenti fir-rikors promotur;

Rat id-digriet provizorju taghha datat is-7 ta' Lulju, 2011, li permezz tieghu laqghet it-talba tas-socjeta` rikorrenti provizorjament;

Rat in-notifika skont il-ligi tas-socjeta` ntimata, u dan, permezz tal-pubblikazzjoni debita;

Semghet lir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti jikkonferma bil-gurament quddiemha li l-ammont ta' debitu fuq indikat kien ghadu dovut lis-socjeta` rikorrenti minn dik intimata;

Tirrileva li nonostante n-notifika permezz tal-pubblikazzjoni skont il-ligi, l-istess socjeta` baqghet ma ntavolat l-ebda risposta fir-rigward;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tal-fatt kemm li r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti ikkonferma t-talbiet tal-istess socjeta` u ghalhekk espona lilu nnifsu ghall-possibilita` tal-kontradittorju permezz tal-kontro-ezami, kif ukoll li s-socjeta` ntimata ghazlet li tastjeni mill-procedura, il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti pprovat it-talba taghha skont il-ligi;

Ghaldaqstant, tenut kont tas-suespost, tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti Bilom Construction Limited u konsegwentement tordna li jinhareg il-mandat t'inibizzjoni kif mitlub fir-rikors promotur fuq indikat kontra s-socjeta` ntimata JAJ Construction Limited.

_________________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------